

# It-tlugħ is-sema ta' MARIJA VERĠNI fit-tradizzjoni Kattolika Rumana

minn Mark Camilleri BA (Hons)

L-ikoni (xbihat) Biżantini tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija dejjem urew lil Sidtna Marija fis-siegħa ta' mewtha. L-istampa li jagħtu hi l-ġisem tal-Verġni Mbierka mimdud fuq speċi ta' sodda, Ġesu' nieżel mill-glorja tiegħu u jaħtaf ruħha bħal tarbija mkebba fil-faxex u mdawrin mill-anġli u l-appostli. Għalkemm il-Knisja Ortodossa tiċċelebra dan il-jum bħalna, madankollu ma ssejjaħlux it-Tlugħ fis-Sema iżda r-Raqda t'Omm Alla (Dormition of the Theotokos). Meta fl-1 ta' Novembru 1950, il-Papa Piju XII ipproklama d-domma tal-fidi tat-tlugħ fis-sema ta' Marija (1), qal ċar u tond illi Marija ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem mingħajr ma semma d-dettall jekk mitetx jew raqditx.

Għaldaqshekk, l-ikonografija Kattolika Rumana tvarja minn dik Ortodossa meta tipperżentalna lil Marija Verġni tielgħa s-sema rebbieħa u warajha tħalli qabar vojt, jew skond it-tradizzjoni, mimli b'ward ifuħ, u l-appostli, li kienu ħadu ħsieb ikeffnuha, iħarsu mibluhin lejn il-qabar. (referenza- ikona f'dil-paġna)

F'din l-ikona (2) tat-tradizzjoni Kattolika Rumana qed naraw lil Sidtna Marija mtellgħa s-sema minn anġlu. Taħtha nistgħu naraw il-qabar ġo għar mimli bil-ward frisk. Iżda l-ikonografu (pittur ta' l-ikoni) ħa b'tema speċjali lill-appostlu Tumas.




Ikkomparata ma' l-ikona Ortodossa, hi nieqsa mis-simboliżmu għajr għal l-ilwien tradizzjonali u l-pożizzjoni fiżika tal-figura rappreżentati, li għal dan il-ġeneru ta' pittura kollox għandu tifsira spiritwali. Din l-ikona aktar milli twassal messaġġ spiritwali trid twassal storja. Din ix-xena tagħmel parti minn leġġenda akbar msejħa *Transitus Mariae*, kitba apokrifa li hi datata għal madwar s-sena 400 W.K. Din il-kitba waslet għandna fi tliet verżjonijiet - il-verżjoni Griega, attribwita lill-appostlu u evanġelista San Ġwann, it-Teologu - l-ewwel verżjoni Latina, li minnha din l-ikona qed tipperżenta xena żgħira - u t-tieni verżjoni Latina.

Ikompli paġna 9

Il-leġġenda tgħid li meta wasal il-waqt, l-appostli kollha ġew trasportati permezz ta' l-Ispirtu s-Santu maġenb Marija li kien waslilha t-tmiem ta' ħajjitha fuq din l-art. Kollha ġew, anke dawk li kienu ġa ħadu l-martirju, minbarra Tumas, li skond din il-leġġenda, kien qed jippriedka fl-Indja. Marija mietet u l-appostli ħadu ħsieb ikeffnuha u qegħduha f'qabar ġdid ġo għar fil-Wied ta' Gehosofat li jagħti għan-naħa tal-Lvant ta' Gerusalemm. L-appostli temmew ir-riti tagħhom fuq il-ġisem safi ta' Marija u ħarġu minn ħdejha. Sadanittant, l-Ispirtu ġab ukoll lil Tumas mill-Indja u qiegħdu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ minn fejn seta' jinżel għal ħdejn il-qabar. Iżda dak il-ħin jara l-ġisem imqaddes tiela' s-sema. Tumas beka għat-telfa ta' Marija u talabha biex tbierku u hi tefgħetlu xalla li kienu dawru madwarha l-appostli qabel difnuha. Meta Tumas wasal quddiem Pietru u l-bqija ta' l-appostli, Pietru ċanfru, għax minħabba r-ras iebsa li dejjem kellu tilef iċ-ċans li jilħaq lil Marija ħajja, u Tumas talab maħfra ta' kollox u staqsihom fejn qiegħdu ġisimha u sħabu wrewh l-għar.



Tumas qalilhom "Ġisimha m'għadux hemm!". Pietru qallu "Ġa darb'oħra ċhadt il-qawmien tal-Mulej u issa se tiċħad li ġisimha hu hawn?" Iżda Tumas baqa' jisħaq li ġisimha ma kienx għadu hemm u meta niżlu fl-għar ħa juruh kif kien qed jiżbalja ma raw xejn ħlief qabar vojt. Tumas irrakkuntalhom kulma kien ġralu u wrihom ukoll ix-xalla li waddbitlu Marija u huma għarfuha. L-appostli talbuh jaħfrilhom u hu ħafrilhom u berikom ilkoll.

## *Referenzi*

1. Enċiklika *Munificentissimus Deus*, paragrafu 44.
2. Din l-ikona hija xogħol ta' Brother Claude Lane.

**Mes Cheris**
**Nursery School**

*Niehdu hsieb it-tfal ta' ommijiet li jahdmu*

**Mriehel Str. B'Kara**

**Tel: 21497233**
**Mob: 99800412**